MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 623/2005

**Victor Mifsud [I.D. 669962(M)] u martu Frances Mifsud [I.D. 354068 (M)].**

**vs.**

**Victor Spiteri [I.D. 442145(M)] u martu Mary Grazia Spiteri [I.D. 392545 (M)].**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 28 ta' Gunju 2005 a fol. 1 tal-process ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi b'kuntratt datat 26 ta' Dicembru 2002 (Dok 'A'), l-atturi xtraw il-vettura ossia *"coach"* ta' l-ghamla Volvo Saracakis

bin-numru tar-Registrazzjoni DBY454 minghand il-konvenuti, liema vettura waslet f'Malta f'Awissu 2003;

Illi fil-31 ta' Dicembru 2004, il-parti tax-xellug tal-*"windscreen"* tal-*"coach"* propjeta` ta' l-atturi nqasmet ghar-ragunijiet indipendenti mill-kontroll jew volonta` ta' l-atturi;

Illi wara illi l-atturi qabdu *"motor damage assessor"* jaghmel analizi approfondita tal-kawza tal-hsara fil-*"coach"* proprjeta` taghhom irrizulta (Dok. "B") (Dok. "C') illi l-*"coach"* in kwistjoni huwa kolpit b'difett gravi illi kien mohbi fi zmien ta' l-akkwist u dan id-difett, illi kkawza l-ksur fil-*"windscreen"* fuq irreferut ghalih, inaqqas serjament il-valur tal-*"coach"* akkwistat apparti illi kkaguna u qed jikkaguna danni ta' kuljum lill-istess atturi;

Illi l-atturi kienu joffru prezz ferm orhos ghall-*"coach"* illi kienu xtraw kieku kienu jafu bid-difett ezistenti;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundanna illi l-vettura ossia *"coach"* mertu tal-kawza hija milquta minn difett gravi illi ma kienx jidher fiz-zmien tal-bejgh, liema difett inaqqas il-valur b'mod illi l-atturi ma kienux jixtru bil-prezz miftiehem kieku kienu jafu b'tali difett;

2. Tiddikjara illi l-konvenuti huma responsabbli illi jroddu lura lill-atturi parti mill-prezz ta' l-akkwist li trid tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Tillikwida, anke permezz ta' periti nominandi, dik il-porzjoni tal-prezz tal-vettura ossia *"coach"* illi l-konvenuti huma responsabbli illi jroddu lura lill-atturi;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata.

5. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ispejjes kollha sofferti mill-atturi illi kellhom x’jaqsmu mal-bejgh ta’ l-imsemmi *“coach”* mertu ta’ din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti illi huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur Victor Mifsud a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti minn Dok. “A” sa Dok. “G” a fol. 4 sa 20 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh nhar il-11 ta’ Lulju 2005 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2005.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 4 ta’ Awissu 2005 a fol. 26 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament l-inkompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti *“ratione valoris.”*

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu t-talbiet ta’ l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom peress illi l-*coach* in kwistjoni, mibjugh u kkonsenjat mas-sena qabel l-allegat, kien fil-mument tal-bejgh liberu minn kull difett gravi u mohbi;

3. Illi wkoll bla pregudizzju ghas-suespost, il-hames talba attrici hija bla ebda fondament legali peress illi l-atturi qed jistitwixxu l-azzjoni stimatorja u mhux l-azzjoni redibitorja;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 27 u 28 tal-process.

Rat in-noti tal-konvenuti wahda datata 3 ta’ Novembru 2005 (fol 30) li biha esebew l-affidavit ta’ Victor Spiteri b’zewg dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok. “VS1” u Dok. “VS2”.

Rat in-nota ta’ riferenzi tal-konvenuti datata 8 ta’ Gunju 2006 (fol. 42) li biha saret referenza ghall-**artikoli 32 (2), 47 (1) 746 u 748 (b) tal-Kap 12.**

Rat in-noti ta’ l-atturi datata 23 ta’ Frar 2006 (fol.37) li biha esebixxa zewg affidavits ta’ Natalaino Agius u Victor Mifsud limitatament ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u dan bhala Dok. “NA1” u Dok. “NA2” rispettivament.

Rat in-nota ta’ riferenzi ta’ l-atturi datata 26 ta’ Gunju 2006 a fol. 54 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-26 ta’ Ottubru 2005 kif ukoll il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta mit-18 ta’ Jannar 2006 sa l-ahhar seduta tal-31 ta’ Mejju 2006 fejn fl-ahhar seduta d-difensuri trattaw l-ewwel eccezzjoni u l-kawza giet differita ghat-30 ta’ Novembru 2006 ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-kawza thalliet ghad-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti liema eccezzjoni hi bbazata fuq l-inkompetenza *ratione valoris* minhabba li qed jigi allegat li la darba l-attur nefaq l-ammont ta’ seba’ mija u tnejn u sebghin lira Maltija u seba’ centezmi (Lm772.07) meta xtara *windscreen* gdid sabiex ibiddel l-*windscreen*

maqsum tal-*coach* li l-attur xtara minghand il-konvenut, mela allura dan l-ammont jiddetermina l-valur tal-kawza odjerna, u tali valur ma huwiex fil-kompetenza ta' din il-Qorti.

Illi din il-Qorti tinnota li fil-fatt l-azzjoni attrici fiha diversi talbiet bl-ewwel talba tikkonsisti f'dikjarazzjoni li l-vettura ossia *coach* li l-atturi xtraw minghand il-konvenuti hija milquta minn difett gravi li ma kienx jidher fiz-zmien tal-bejgh, liema difett inaqqas il-valur tal-vettura b'mod li l-atturi ma kienux jixtru bil-prezz miftiehem kieku kienu jafu b'tali difett. It-tieni talba hija wkoll sabiex tinghata dikjarazzjoni li l-konvenuti huma responsabbli li jroddu lura lill-atturi parti mill-prezz ta' l-akkwist. Fit-tielet talba talbu lill-Qorti sabiex tillikwida dik il-porzjon tal-prezz tal-vettura li l-konvenuti huma responsabbli li jroddulhom lura. Konsegwentement l-istess atturi talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuhom is-somma hekk likwidata; u fl-ahharnett l-atturi talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuhom l-ispejjez kollha sofferti minnhom li kellhom x'jaqsmu mal-bejgh ta' l-imsemmi *coach*.

Illi l-konvenuti, kif diga' inghad, eccepew l-inkompetenza *ratione valoris.* Fin-nota ta' riferenzi li pprezentaw fit-8 ta' Gunju 2006 irreferew ghal diversi artikoli cioe' l-**artikolu 32(3), l-artikolu 47(1), l-artikolu 746 u l-artikolu 748(b) tal-Kap.12.**

Illi min-naha l-ohra l-atturi fin-nota ta' referenzi taghhom ipprezentata fit-26 ta' Gunju 2006 strahu fuq l-**artikoli 747(1) u (2) tal-Kap.12.** ghaliex isostnu li din mhix kawza ghad-danni izda *actio aestimatoria* minn fejn jirrizulta mic-citazzjoni attrici li l-valur ta' dak li qed jigi mitlub huwa incert u indeterminat u lanqas ma jista' jigi b'xi mod determinat skond l-artikoli apposti tal-**Kap 12** li jsegwu l-imsemmi artikolu.

Illi l-**artikolu 47(1) tal-Kap.16** jipprovdi illi:-

*"Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat wiehed jippresjedi, u dik il-qorti, bhala qorti ta' l-ewwel grad tisma' u tiddeciedi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' hamest*

*elef lira, kontra l-persuni li joqoghdu, jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja, f'parti tal-Gzira ta' Malta".*

Illi l-**Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** jaghti r-regoli ta' kif ghandha tithares il-kompetenza tal-Qrati f'sitwazzjonijiet simili. L-**artikolu 746** jiddisponi li meta l-eccezzjoni tal-inkompetenza tiddependi mill-valur ta' oggett fil-kawza jridu jitharsu r-regoli li jsegwu u l-**artikolu 747** isemmi li l-valur incert jew indeterminat ghandu dejjem jitqies li jaqbez il-kompetenza ta' Qorti ta' gurisdizzjoni limitata. Fis-**subartikolu 2** tieghu jinghad li jitqiesu dejjem bhala li ghandhom valur li ma jistax jigi determinat il-kawzi elenkati fis-**subartikoli (a) (b) u (c)** u fis-**subartikolu (c)** jinghad li fost dawk li l-valur taghhom ma jistax jigi determinat hemm il-kawzi li fihom il-valur tal-haga ma jirrizultax mit-talba tal-attur u anqas ma jista' jigi determinat bil-mod imsemmi fl-artikoli li jsegwu.

Illi nghad fis-sentenza **"World Marketing Limited vs Information Technology Services Limited"** ( P.A. (JRM) – 1 ta' April 2003) is-segwenti:-

*"Illi ghal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt, jinghad li l-eccezzjoni taht ezami tintrabat ma' dak li jipprovdi l-artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa car li din tintrabat mal-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu flimkien mal-artikolu 746, li jirreferi ghall-artikoli migjubin warajh. Skond l-artikolu 747 (1) tal-Kap.12, kawza ta' valur incert jew indeterminat titqies dejjem li taqbez il-kompetenza tal-qorti ta' gurisdizzjoni limitata. Fost it-tliet cirkostanzi li l-ligi ssemmi bhala kawzi ta' valur indeterminabbli wiehed isib dawk il-kawzi li fihom il-valur tal-haga ma jirrizultax mit-talba attrici u lanqas jista' jigi determinat kif jinghad fl-artikoli l-ohrajn li jitkellmu dwar id-determinazzjoni tal-valur tal-kawza, dan ifisser mela, li jekk il-valur ma jissemmiex fit-talba attrici ma jgibx fih innifsu biss, li dik il-kawza hija wahda ta' valur incert jekk dak il-valur huwa determinabbli";*

*"Illi, madankollu, jibqa' l-fatt li fejn il-valur ta' talba huwa incert jew mhux determinat, il-Qorti xierqa biex tisma' dik it-talba skond ir-rieda espressa tal-ligi hija din il-Qorti (Ara*

*l-artikolu 32 tal-Kap.12). Dan ukoll jaghmel parti mit-tifsira li taw il-qrati taghna ghar-rigward, fejn gie stabbilit b'awtorita' li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (u mhux il-Qorti Inferjuri) kienet kompetenti tisma' l-kawza ghax l-attur ressaq talba ghal-likwidazzjoni ta' danni, minkejja li fl-istess waqt iccensuratu talli messu kien jaf li l-oghla ammont ta' kumpens li seta' jiehu ma kien qatt jisboq ammont li johrog mill-kompetenza ta' dik il-Qorti Inferjuri (Ara, per ezempju, App. Civ. 4/11/1963 fil-kawza fl-ismijiet* ***Gatt vs Mifsud*** *Kollez. Vol. XLVII.i. 406)";*

Illi fil-fatt jinghad li, bhala regola, l-kompetenza tal-Qorti hija meqjusa fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet, mit-termini nfushom tat-talba attrici, billi huwa dak l-att promotur kif imressaq (bil-premessi u talbiet marbuta maghhom) li jiddefinixxi l-wisa' u l-limiti tal-kompetenza tal-Qorti biex tisma' l-kaz (**"Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et"** - App. Civ. 7 ta' Ottubru 1997).

Illi skond il-ligi taghna l-imsemmija u skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 747** regola ewlenija hija komplimentata bl-ohra fejn jinghad li l-kwistjoni ta' kompetenza ma tkunx determinata biss minn dak li jinghad fl-azzjoni attrici, imma wkoll minn dak li jressaq l-imharrek bhala eccezzjoni (**"Anthony Zammit vs Joseph Ellul nomine"** – A.I.C. - 31 ta' Lulju 1996). Kemm hu hekk, fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-5 ta' Novembru, 1992, fil-kawza fl-ismijiet **"Guzeppa Borg vs Maria Mizzi et"** (P.A. (JSP) Citazz.1104/92) inghad li ghall-fini tad-determinazzjoni tal-kompetenza tal-Qorti, ghandu jittiehed kont mhux biss tat-talbiet attrici imma wkoll tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza **"Pauline Mizzi et vs Concetta Key"** (A.C. – 12 ta' Frar 2001) fejn gie affermat li meta l-mertu ta' xi talba attrici jkun ta' valur indeterminat, il-Qrati Superjuri jkollhom is-setgha li jisimghu l-kawza, anke jekk u minkejja li xi talbiet ohrajn jaqghu fi hdan il-kompetenza tal-Qrati Inferjuri. Illi dan kollu gie kkonfermat fis-sentenza **"Ignazia Degabriele vs Joseph Attard et"** (P.A. (JRM) – 23 ta' Gunju 2005 -Cit. Nru: 2940/96/JRM).

Illi inoltre’ inghad fil-kawza fl-ismijiet **“Paul Borg et vs Jane Vassallo”** (A.I.C. (PS) – 15 ta’ Dicembru 2003 - 782/01/PS) li:-

*“Tghodd ghall- kaz in diskussjoni r-riflessjoni li ghamlet din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet **“Raymond Young et vs Joseph Muscat et”,** 22 ta’ Novembru 2001,…...:-*

*‘Il-ligi tahseb gustament li mhux it-talbiet kollha li jistghu jigu dedotti quddiem il-Qorti ghat-tutela tal-jeddijiet kienu kwantifikabbli fi flus. Jezistu kazijiet -……- fejn valur ikun incert jew indeterminat. F’dak il-kaz is-subinciz 1 tal-artikolu 747 jipprovdi illi ‘l-valur incert jew indeterminat jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal-Qorti ta’ gurisdizzjoni limitata’. Fil-kaz taht ezami kellu jkun car illi l-valur tal-oggett tal-kawza mhux biss ma kienx determinabbli skond ir-regoli li l-istess kodici tal-procedura jistabbilixxi imma kien fin-natura tieghu indeterminat. Kien ghalhekk jezorbita mill-kompetenza ta’ Qorti b’gurisdizzjoni limitata kif hi l-Qorti tal-Magistrati (Malta). Kien mertu illi jaqa’ fil-kompetenza tal-Qrati ordinarji u cioe’ tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili”.*

Illi minn ezami tal-premessi u t-talbiet marbuta maghhom fl-att tac-citazzjoni tal-kawza odjerna jirrizulta b’mod car li mhux minnu dak li qed isostnu l-konvenuti li l-atturi qed jitolbu biss l-ispejjez li hargu sabiex jinxtara l-*windscreen* gdid. Izda qeghdin jallegaw li l-vettura in kwistjoni nbieghet b’difett latenti u li kieku huma kienu jafu b’dan id-difett huma ma kienux jixtru bil-prezz li xtraw, b’dan li qed jitolbu tnaqqis fil-prezz imhallas li ghandu jigi rifuz lilhom mill-konvenuti.

Illi din fil-fatt hija *actio aestimatoria,* azzjoni fejn il-Qorti tigi miltuba sabiex tiddetermina x’ammont kien ihallas ix-xerrej li kieku fil-mument tax-xiri kif jaf bid-difetti; ovvjament dan ma ghandu x’jaqsam xejn ma’ l-ammont ta’ spejjez necessarji sabiex tissewwa l-haga - u dan ghaliex dak li qed jigi miltub huwa l-valur tal-haga meta wiehed jikkonsidra tali difett latenti – tant li inghad li *“din hija*

*materja pjuttost soggettiva u fl-istess hin mhux bilfors taqbel mal-ispiża necessarja għar-rimedju tad-difett"* (**"Alfred Brincat vs Anthony Xuereb et"** (P.A. (GMB) – 19 ta' Lulju 1989 – citata mill-konvenuti stess).

Illi fis-sentenza fl-ismjiet **"Michael Bonnici et vs Joachim Francica et"** (A.C. – 27 ta' Gunju 2003 Citazz. Numru 63/1996) ingħad li f'azzjoni aestimatorja s-somma li għandha titnaqqas, f'kaz li jirrizultaw difetti *in vendita*, m'għandhiex tkun ekwivalenti għas-somma meħtieġa biex jigu rrangati d-difetti, izda l-Qorti għandha tistabbilixxi x'kien ikun il-prezz tal-bejgħ fil-mument tal-kuntrattazzjoni kieku x-xerrej kien jaf bid-difetti lamentati. Kif qalu l-istess konvenuti fin-nota tagħhom datata 8 ta' Gunju 2006:-

*"Fi kliem iehor, din l-azzjoni għandha l-karetteristici parametri partikolari għaliha u ma tistax tigi konfuza jew ekwiparata ma' semplici kawza ta' danni".*

Illi f'dan il-kaz *stante* n-natura ta' l-azzjoni attrici l-ispiza għas-sostituzzjoni tal-*windscreen* ma hijiex necessarjament ekwivalenti għas-somma mill-prezz, li jekk tirnexxi l-azzjoni attrici, għandha tingħata lura abbazi ta' l-**artikolu 1427 tal-Kap,** somma li anke skond l-istess artikolu *"tigi stabbilita mill-Qorti"* u għalhekk certament li l-ammont f'din il-kawza huwa incert u ma jistax jigi determinat b'wieħed mill-artikoli li l-**artikolu 747 (2) tal-Kap 12** jirreferi għalihom. L-istess ammont ma jistax lanqas jigi determinat la mic-citazzjoni attrici u lanqas mill-eccezzjonijiet tal-konvenut. Għalhekk din il-Qorti għandha kompetenza tisma' din il-kawza.

Illi għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiċħad l-ewwel eccezzjoni ta' inkompetenza *rationae valoris* u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tiċħad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ta' inkompetenza *"rationae valoris"* u minflok**

**tiddikjara li ghandha kompetenza biex tkompli tisma' din il-kawza kif hawn deciz.**

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------